MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 340/2014

**Joseph Gaffarena**

**vs**

**Isslam Tswfik Issa ISSA**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur li gie pprezentat nhar il-15 ta' Ottubru 2014 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' tmint elef ewro (€8,000)

liema somma hija dovuta in linea ta' multa minnu accettata skont skrittura privata datata 22 ta' Settembru 2013 u dana stante li huwa naqas milli jikkonsenja lill-attur ic-cwievet tal-fond hemm indikat fiz-zmien miftiehem hawn anness bhala dokument A.

Bl-ispejjez kontra tieghu u huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni flimkien mal-ispejjez tal-ittra bonarja datata 5 ta' Awwissu 2014 u tal-ittra ufficjali datata 21 ta' Awwissu 2014.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Purtier Charles Buttigieg datata 8 ta' Jannar 2015 fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali ta' Balzan kif ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Balzan (fol. 8 tergo).

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikat bir-rikors promotur permezz ta' publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern nhar it-13 ta' Jannar 2015 (fol 11) u fil-gazzetta lokali L-Orizzont nhar is-6 ta' Frar 2015 (fol 13).

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Frar 2015 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx, biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tal-attur ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tat-18 ta' Frar 2015.

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2015 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu sabiex iwiegeb id-domandi attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tal-attur jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-attur tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tmint elef ewro (€8,000) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-ispejjez tal-ittra bonarja datata 5 ta' Awwissu 2014 u tal-ittra ufficjali datata 21 ta' Awwissu 2014.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------